MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2007

Numru 246/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Cassar)**

**vs**

**BEATRIZ ZARB**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Beatriz Zarb ta' 23 sena, bint Michael u Anne nee' Jones, imwieled Pieta' fid-9 ta' Marzu, 1981, li toqghod Fl 2, Dolphin Court, Xemxija Hill, Xemxija u detentrici tal-karta ta' l-identita' Maltija bin-numru 158381(M) giet akkuzata:

Talli nhar 18 ta' Novembru, 2004 ghall-habta tat-tmienja u nofs ta' filghodu fi Triq il-Kostituzzjoni fil-Mosta, waqt li kienet qeghda ssuq vettura tat-tip Toyota Vitz bin-numru

tar-registrazzjoni BIB100, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, b'sewqan u/jew b'nuqqas ta' hila fis-sewqan, u/jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, ikkagunat feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Marco Micallef skond kif iccertifikat Dr Sharon Tanti M.D.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok RC3 u nnutat li l-imputata m'ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Fl-ewwel lok tirrileva li dan il-kaz jirrigwarda incident stradali li fih korra gravament Marco Micallef fit-18 ta' Novembru, 2004 ghall-habta tat-tmienja u nofs ta' filghodu fi Triq il-Kostituzzjoni fil-Mosta u f'liema incident kienet involuta ukoll vettura tat-tip Toyota Vitz bin-numru tar-registrazzjni BIB100 misjuqa mill-imputata Beatriz Zarb.

Taghmel referenza ghal bran mill-kontro-ezami ta' PC 210 Salvatore Lagrasta li sar fis-Seduta tas-26 ta' April, 2005 fejn dan ix-xhud, inter alia, qal:
"Fuq domanda tad-difiza jekk kemm il-darba lili Marco Micallef jekk qallix minn fuq liema parti tal-karozza huwa gie milqut nghid illi lili dan ma jirrizultalix li qalli. Nghid illi l-hin ta' l-incident kienu t-tmienja u nofs neqsin hamsa ta' filghodu (8.25 am). Nikkonferma li din hija triq traffikuza. Nixtieq nghid li ahna wasalnu fuq il-post ghal habta tat-tmienja u nofs ta' filghodu (8.30 am). Nikkonferma li lili Micallef qalli li meta hu kien qieghed jaqsam huwa qasam minn bejn zewg vetturi li kienu pparkjati. Nghid illi fil-lokalita' hemm pedestrian crossing minn punt fejn kien hemm mixhut ma l-art Marco Micallef sal-punt fejn hemm il-pedestrian crossing jien kejjilt u sibt li din id-distanza qeghda ta' tlieta u sebghin metru (73 metri). Nghid illi jien ezaminajt il-vettura registrazzjoni numru BIB 100 u nghid illi fuqha ma rajt ebda hsarat." (Sottolinjar tal-Qorti).

Taghmel ukoll referenza ghad-deposizzjoni ta' Marco Micallef moghtija fis-Seduta tas-26 ta' April, 2005 fejn dan ix-xhud qal:
"Nghid illi fid-data tat-18 ta' Novembru 2004 ghal xit-tmienja u nofs ta' filghodu (8.30 am) jien kont maz-zija tieghi li jisimha Josephine Sammut u kont ser naqsam minn fejn il-hanut Adam u dan fi Triq il-Kostituzzjoni Mosta. Kien hemm parking space fejn kien hemm il-karozzi pparkjati. Barra l-kaxxa kien hemm line maqtugh abjad. Jiena kont qieghed 'il gewwa minn dan il-line abjad u kont qieghed fil-kaxxa vojta, kaxxa vuoldieri space ta' fejn tipparkja l-karozza tieghek fil-vojt. Jien kont qieghed naqsam u dak il-hin qlajt daqqa. Din id-daqqa hassejtha f'saqajja pero' ma nafx jekk hassejthiex minn quddiem. Jiena li naf hu li ntlift bid-daqqa u hlief twerzieq ma smajtx. Jiena nghid illi qabel ma gejt biex naqsam harist kemm lejn in-naha tax-xellug u kemm lejn in-naha tal-lemin. Id-daqqa jien hadtha fuq sieqi tal-lemin. Jiena nghid illi intlift u waqajt ma l-art. Jien imbaghad gejt kemmxejn f'sensija u b'tali mod li kont naf x'kien qed jigri. Imbaghad gew il-pulizija, imbaghad ittehidt bl-ambulanza l-isptar. Jien domt l-isptar sitt ijiem (6). Jien gejt operat u l-operazzjoni damet sitt sieghat (6). Jien kelli ksur f'saqajja. Kelli l-ksur f'saqajja tal-lemin. Qieghed nesebixxi bhala Dok MM 1 vera kopja ta' l-original ta' certifikat mediku rilaxxjat minn Dr Sharon Tanti minn St Luke's Casualty Department u nikkonferma li n-numru ta' l-identita' tieghi huwa 44365M. Jien qieghed immur ghat-terapija l-isptar. Qed nesebixxi bhala Dok MM2 case summary rigwardanti l-kaz tieghi. Jien bhala xoghol bookbinder il-librerija. Nghid illi bhala natura tax-xoghol tieghi nghid illi l-incident ma tantx affettwa x-xoghol tieghi."

In kontro-ezami l-istess xhud fl-istess Seduta qal:
"Qabel ma jiena gejt biex naqsam kont qed inhares, ma tantx kont ilni xi hin gewwa Triq il-Kostituzzjoni. Iz-zija tieghi kienet ser taqsam mieghi. Nghid illi f'dak il-hin konna f'posizzjoni jien u ziti, jien kont qieghed in-naha tal-knisja u nghid iz-zija tieghi kienet lejn in-naha ta' San Pawl. <u>Jien il-karozza li laqtitni ma rajthiex. Nikkonferma li t-triq fejn sehh l-incident hija dritta xemgha. Jien kont qieghed naqra 'l gewwa mill-karozzi pparkjati u kont</u>

ghadni ma qbiztx il-linja maqtugha tal-kaxxa." (Sottolinjar tal-Qorti).

Taghmel ukoll referenza ghall-kontro-ezami ta' PC 625 Josef Saliba li fis-Seduta tas-26 ta' April, 2005, qal:
"Jien li nnutajt dwar dan Marco Micallef meta wasalt fuq il-post innutajt li dan kien mixhut ma' l-art u beda jokrob u beda jzomm siequ. Nghid illi jien meta morna fuq il-post lil Marco Micallef sibtu fil-lane tat-triq u ma kien qieghed gol-kaxxi tal-parking. Li nnutajt li bejn wiehed u iehor id-distanza ta' bejn il-karozza ta' l-imputata u fejn kien mixhut ma l-art Marco Micallef kien hemm distanza ta' tul ta' karozza jew ftit iktar. Jiena ma dortx biex nara l-karozza ta' l-imputata registration number BIB 100 biex nara jekk kellix xi daqqiet. In kwantu ghal Triq il-Kostituzzjoni l-Mosta nikkonferma li hija triq dritta xemgha, dakinhar u s-soltu tkun triq traffikuza u nghid illi wkoll fiha hafna hwienet." (Sottolinjar tal-Qorti).

Issir ukoll referenza ghad-deposizzjoni ta' Dr Sharon Tanti M.D. li fis-Seduta tal-10 ta' Gunju, 2005 qalet:
"Qed nigi murija d-dokument Dok MM1 u nghid illi dan huwa vera kopja ta' l-original ta' certifikat mediku minni rilaxxjat fuq liema certifikat mediku qed naghraf il-firma u dan id-dokument jinsab a fol. 16 tal-process. Jien nikkonferma l-konkluzjonijiet tieghi li hawn fuq l-istess certifikat u nghid illi bhala natura tal-griehi u t-tip ta' griehi nghid illi dawn kienu, jien jirrizultali illi l-pazjent Marco Micallef kien qed isofri minn dislokazzjoni cerali u ksur fl-ghaksa l-leminija. Nghid illi ukoll kellu abrazjoni fuq il-minkeb tal-lemin. Nikkonferma illi dawn il-griehi ikklassifikajthom bhala gravi per durata."

Taghmel ukoll referenza ghad-deposizzjoni tax-xhud Joseph Sultana moghtija fis-Seduta tal-10 ta' Gunju, 2005 fejn dan ix-xhud qal:
"Nghid illi jien proprjetarju ta' vann, Freight Rover, registration number PAQ 979. Jien dan il-vann nuzah fix-xoghol tieghi bhala vegetable hawker. Nghid illi ftit qabel il-Milied tas-sena l-ohra jien kont qieghed fuq il-parti ta' wara tal-vann tieghu u kont qieghed fi Triq il-Kostituzzjoni l-Mosta u jien kont qieghed inbiegh u dan kienu bejn id-

disgha u nofs u l-ghaxra ta' filghodu (9.30 am – 10 am) u nghid illi jien rajt ragel u mara ser jaqsmu u dak il-hin jien dort in-naha l-ohra tal-vann u smajt daqqa. Jien kif smajt id-daqqa harist u rajt lil dan ir-ragel jaqa' ma l-art. Nghid illi jien il-vann tieghi kien qieghed stazzjonat fi Triq il-Kostituzzjoni, l-Mosta, kantuniera 'l boghod minn fejn hemm l-Ghassa tal-Mosta u jien kont qieghed bil-vann tieghi fuq in-naha tat-triq fejn hemm l-Ghassa tal-Pulizija tal-Mosta. Nghid illi jien mort fuq dan ir-ragel li kien qieghed ma l-art. Innutajt li dan beda jzomm saqajh u nghid illi jien innutajt li din saqajh kienet daritlu kontra ghaliex inkisret mill-ghaksa u fil-fatt nghid illi kienu ingemghu xi nies u dawn kienu halli dan ir-ragel jwaqqfuh pero' jien ghidtilhom biex ihalluh ghaliex dan kellu, jidher li kellu xi ksur f'saqajh. Nghid illi jien innutajt li kien hemm karozza wieqfa ezatt mas-sinjal ta' nofs it-triq u nghid illi din il-karozza kienet 'il boghod mill-persuna li kien hemm fl-art xi sitt metri u nghid illi l-persuna li kienet qed issuq din il-vettura qed naghrafha bhala l-imputata prezenti fl-Awla. Jien jidhirli li ma kien hemm hadd ma l-imputata meta kienet qed issuq din il-karozza. Innutajt illi l-imputata kienet ippanikkjata u bdiet tibki dak il-hin. Bdiet issaqsi n-numru ta' l-ghassa, nghid illi lill-imputata ma smajthiex kif kien gara l-accident. Nixtieq nghid illi r-ragel li mbaghad imwegga' kien qed jipprova jaqsam ma wahda mara min-naha tat-triq fejn kelli jien stazzjonat il-vann tieghi ghan-naha l-ohra tat-triq u nghid illi dan il-persuna kien lahaq qasam qisu xi zewg piedi 'l barra mis-sinjal tal-parking. <u>Nghid illi dak il-hin karozzi pparkjati fuq in-naha tat-triq li kien ser jaqsam kien hemm. Nixtieq nghid illi jien ukoll inzid nghid illi l-mara li kien mal-persuna li spicca imtajjar meta kienu qeghdin jaqsmu hi kienet l-iktar persuna li kienet vicina ghad-direzzjoni li kienet gejja minnha l-karozza li imbaghad gie milqut biha r-ragel.</u>"

In kontro-ezami l-istess xhud, fl-istess Seduta qal:
"Nghid illi l-karozza li kienet gejja mill-post minn fejn kienu ser jaqsmu dan ir-ragel u l-mara kienet gejja min-naha tal-lemin taghhom. Konsegwentement nghid illi l-mara li jien sirt naf li hija z-zija tieghu kienet qeghda fuq in-naha tal-lemin waqt illi l-persuna li spicca mtajjar kien fuq in-naha tax-xellug. Qed nghid iz-zija, ovvjament iz-zija tal-persuna

illi imbaghad spicca imtajjar. Nghid illi f'din it-tracca tat-triq fejn kelli l-vann jien hemm bankina, imbaghad kien hemm il-karozzi ipparkjati u biex dawn il-persuni kellhom jaqsmu kellhom jghaddu minn bejn il-karozzi ipparkjati. Nikkonferma li fil-vicinanzi hemm zebra crossing. Bhala traffiku dak il-hin kien ghaddej traffiku regolari. Nghid illi jien l-ewwel darba li rajt il-karozza ta' l-imputata kienet meta jien kont smajt id-daqqa u allura dort u harist. Jien nghid illi fil-hin li dan ir-ragel waqa', jien ma smajt l-ebda brejkijiet dak il-hin. Nghid illi bhala fatt il-karozza ta' l-imputata jien imbaghad rajtha wieqfa fil-hin li rajt ir-ragel niezel ma' l-art li din kienet xi erba' metri jew hames metri 'il boghod minn dan ir-ragel u allura kienet f'direzzjoni iktar vicin lejn il-pjazza tal-Mosta. Nikkonferma li jien ma smajt l-ebda brejkijiet. Nghid illi jien il-karozza ta' l-imputata waqfet vicin tal-vann tieghi u nghid illi jien il-karozza ta' l-imputata innutajtha u jien ma kont innutajtilha daqqiet. Nikkonferma li jien lill-pulizija kont kellimthom bhala xhud. Kienu haduli statement qasir ta' dak li ghidtilhom dakinhar. Jien nixtieq pero' inzid nghid illi jien innutajt illi l-mera tan-naha tax-xellug tal-karozza, din il-mera kienet maghluqa. Il-mera qeghda fuq quddiem. Qed tigi moqrija lili parti mill-okkorrenza tal-pulizija li hija esebita bhala Dok SLP 1 u liema okkorrenza tinsab minn fol. 10 sa fol. 13 tal-process u nghid illi b'referenza ghal dak li jien ghidt lill-pulizija nghid li ghadha kif inqratli l-parti tal-okkorrenza fejn hemm l-istatement tieghi li tinsab a fol. 12 tal-process u nghid illi jien lill-pulizija m'ghidtilhomx li l-persuna li waqghet kien intlaqat bir-rota ta' wara tal-karozza. Li ghidtilhom lill-pulizija kien illi jista' jkun li lill-pulizija ghidtilhom li huwa kien intlaqat mir-rota tal-karozza pero' qatt m'ghidtilhom li kienet bir-rota ta' wara. Jien li stajt ghidt lill-pulizija kien illi minhabba li jien kont innutajt li quddiem il-karozza ma kelliex hsarat bil-mod kif kienet miksura saqajn dan ir-ragel jien issuspettajt li dan ir-ragel kien intlaqat bil-genb tal-karozza u ppresumejt li kienet inqabdet bir-rota ghaliex is-sieq kienet miksura minn isfel nett mill-ghaksa. Jien li ghidt lill-pulizija kien illi in kwantu ghal frazi li s-sinjorina kienet gejja bil-mod minn Triq il-Kostituzzjoni, jien fil-fatt lill-pulizija li kont ghidtilhom kien illi ma nahsibx li din is-sinjorina kienet gejja bi speed qawwi. Qed nigi mistoqsi mill-avukat difensur jekk jien

allura lill-pulizija ghidtilhomx ukoll illi l-kliem "hekk kif qabzet lilu, hu ghamel pass 'il quddiem u intlaqat bir-rota ta' wara" nghid illi in kwantu ghal parti tar-rota nghid illi diga' spjegajt, in kwantu ghal frazi illi qabzet lilu u hu ghamel pass 'il quddiem <u>nghid illi jien effettivament jien l-incident proprja ma rajtux bhala impatt</u> u ghalhekk il-pulizija m'ghidtilhomx hekk kif qabzet lilu, hu ghamel pass 'il quddiem u intlaqat bir-rota ta' wara.  Il-persuna li ntlaqtet jien nafha minn wiccha u huwa mill-Mosta. Nixtieq hawnhekk naghmel precisazzjoni u nghid illi effettivament iz-zija ta' dak li kien intlaqat kont nafha u ghalhekk nixtieq naghmel precisazzjoni illi fil-fatt nghid illi liz-zija ta' dan ir-ragel kont nafha.  Nghid illi jien mid-data ta' l-incident 'l hawn nghid illi lill-persuna li ttajret jien kont kellimtha pero' ma kontx kellimtha dwar dan il-kaz jew dwar l-incident.  Jien kull ma ghamilt kien staqsejtu kif inhu.  Nixtieq nispjega illi ahna, jien u din il-persuna ma konniex tkellimna fuq dan l-incident.  Nixtieq nerga' nirrepeti illi jien effettivament lill-mara li kien hemm mal-persuna li kien ittajjar jien kont naf qabel l-incident u nghid ukoll illi jien qabel l-incident kont naf illi dik il-mara kienet tigi z-zija tal-persuna li ttajret.  Nghid illi mill-incident 'l hawn iz-zija ta' dan ir-ragel gieli giet tixtri min ghandi u nghid ukoll illi gieli tkellimna pero' qatt ma tkellimna fuq dan l-incident.  Ma kontx staqsejt lilha kif inhu n-neputi ghaliex kont staqsejt lilu direttament.  Jien ma tkellimt ma l-ebda xhieda dwar dan il-kaz mid-data ta' l-incident dwar dan il-kaz."

In ri-ezami l-istess xhud fl-istess Seduta qal:
"<u>Nghid illi minn fejn hemm iz-zebra crossing bil-pelican lights ghal post fejn waqa' ma' l-art il-persuna li ttajret nghid illi kien hemm madwar erbghin (40) metru bhala distanza.</u>"  (Sottolinjar tal-Qorti).

Issir ukoll referenza ghad-deposizzjoni ta' Guza Sammut li fis-Seduta tas-27 ta' Lulju, 2005 qalet:
"Nghid illi jien dis-sena jien kont qeghda flimkien mat-tifel ta' ohti Marco Micallef u dan qisu xi disa' jew ghaxar (9 – 10) xhur ilu pero' ma nzommx amment tad-dati.  Ahna konna qeghdin weqfin u nghid illi ahna konna qeghdin fi Triq il-Kostituzzjoni l-Mosta u konna qeghdin faccata tad-

dar fejn noqghod jien u konna jien u Marco Micallef lesti biex naqsmu. Jien kont qed inzomm ma karozza ghax kien hemm karozza ipparkjata u nghid illi Marco kien ftit 'il barra iktar minni u filli jien ser inkellmu u filli jien rajtu ma' l-art. Jien bdejt nibki u nwerzaq. Fil-fatt ingabru n-nies. Jien kull ma rajt lil Marco ma' l-art. Qed nigi mistoqsija mill-Ufficjal Prosekutur jekk jiena nafx jekk dan Marco kienx zelaq jew kien gralu xi incident iehor nghid illi le jien ma nafx. Nixtieq hawnhekk naghmel korrezzjoni u nghid illi fil-fatt issa nixtieq niddikjara li jien kont rajt lil Marco jittajjar minn karozza u jaqa' ma' l-art. Dwar il-kulur tal-karozza li laqtitu nghid illi din kienet jew griza jew bajda pero' m'inix certa ghax jien dak il-hin bdejt inwerzaq. Dwar min kien qed isuq il-karozza li tajret lil Marco nghid illi kien hemm sinjorina li giet hdejja u din bdiet iccempel lil missierha jew ma nafx lil min. Nghid illi din is-sinjorina qed naghrafha bhala l-imputata prezenti fl-Awla. Nghid illi l-karozza kienet bin-naha ta' quddiem li laqtet lil Marco."

In kontro-ezami l-istess xhud, fl-istess Seduta, qalet:
"Nghid illi l-karozza laqtet lil Marco fuq in-naha ta' quddiem tal-karozza fuq in-naha tax-xellug bejn it-tyre ta' quddiem u l-mera. Niftakar li dakinhar ta' l-incident il-pulizija kienu kellmuni. Jien dakinhar il-pulizija ghidtilhom dak li kont rajt. Meta l-pulizija staqsewni liema parti tal-karozza kien intlaqat dakinhar Marco jien ghidtilhom. Qed nigi mistoqsija mill-avukat difensur li jien fil-fatt dakinhar lill-pulizija kienu staqsewni u jien irrispondejt lill-pulizija li ma nafx liema parti tal-vettura kien intlaqat. Dwar dan qed nigi mistoqsija biex nispjega kif allura llum qed nghid mil-liema parti intlaqat. Nghid illi jien dakinhar jien kont daqsxejn imhawwda ghax it-tifel hsibtu mejjet u allura ma kontx naf x'qed nghid. Jien bdejt nimmagina hafna affarijiet koroh li setgha gralu t-tifel. Nghid illi jien illum qed nghidlek li suppost. Jien lin-neputi Marco naf li llum kelli nigi l-qorti pero' ma qallix x'ghandi nghid llum. Nixtieq nghid illi lil Marco narah spiss ghax ommu mejta, missieru msiefer u dan trabba m'ommi u ghalhekk narah ta' spiss. Jien it-tifel ta' ohti nsejjahlu Marco u ma nsejjahlux it-tifel. Nghid illi bhala hin ta' l-incident kienu xi d-disgha u nofs ta' filghodu (9.30 am). Nghid illi dak il-hin mhux wiehed jghid illi kien hemm hafna traffiku. Dwar il-hin ta' l-incident

qed jigi suggerit lili mill-avukat difensur li l-hin kien xit-tmienja u nofs ta’ filghodu (8.30 am), nghid illi bhala hin kienu iktar mit-tmienja u nofs ta’ filghodu (8.30 am) meta sehh l-incident.  Karozzi pparkjati fit-triq kien hemm. Nikkonferma li jien u Marco dak il-hin konna qeghdin nitkellmu.  Ma konniex ilna nitkellmu ghax kien ghadu kif jasal.  Nghid illi dak il-hin jien kont kif diga’ spjegajt iktar lura minn Marco, hu kien iktar ‘il barra u dak il-hin konna qeghdin nitkellmu u ahna konna qeghdin nistennew il-karozzi jghaddu biex inkunu nistghu naqsmu.  Nghid illi dak il-hin ma kienx il-boom tat-traffiku, karozzi pero’ kienu ghaddejjin.  Jien kont qeghda fuq in-naha ta’ barra tal-karozza ipparkjata u mhux fuq in-naha tal-bankina u Marco kien ftit ‘il barra minni u ahna konna qeghdin nitkellmu.  Jien meta Marco kien fl-art haristlu u nnutajt li kellu saqajh, sieq minnhom kienet imdawwra b’mod illi kienet ta’ wara quddiem.  Nghid illi dakinhar ta’ l-incident tal-haxix lili ma kienx kellimni fuq l-incident.  Dan jkun bil-van fit-triq tieghi jbiegh il-haxix.  Dan jarma faccata tieghi. Nghid illi minn dakinhar ‘l hawn lanqas ma kellimni tal-haxix jew jien kellimtu fuq l-incident.  Nixtieq nghid illi dan tal-haxix lili ma jistaqsinix kif inhu n-neputi u dan ghaliex hu jarah lin-neputi tieghi u allura se mai jistaqsi lilu.  Nghid illi Marco lil tal-haxix jafu.  Naf illi dan tal-haxix ukoll huwa mill-Mosta bhali.  Naf illi dan jismu Joe pero’ ma nafx x’kunjomu.  Nies fuq il-post iduru maghna gew hafna pero’ n-nies li gew jassistuna ma nafx min huma.  Nixtieq nghid illi tal-haxix ma giex jassistina, dak baqa’ fejn kien u nghid illi min gie jghinha ma nafhomx.  Ma nafx li kien hemm nies mill-Mosta li gew jghinuna.”  (Sottolinjar tal-Qorti).

Taghmel ukoll referenza ghall-bran mid-deposizzjoni li taghat ix-xhud Nicola Sammut Henwood fis-Seduta tas-27 ta’ Lulju, 2005 fejn din, inter alia, qalet:
“……………….”  “…………and I wish to add that my grandmother at that time she wasn’t facing the street, she was facing the façade of my residence and she actually was going into a shop.  It was Marco who was facing the street and therefore he had his back to me.  I wish to add however that I did not see the accident happen.  At that time the street in question was quite busy as regards traffic.  As regards the positioning of Marco and my

husbands' grandmother when they were talking together they were in a parking space between two parked cars. I wish to add that after the accident I noticed a car that was stationary in the street further up from where Marco laid in the street." (Sottolinjar tal-Qorti).

Issir ukoll referenza ghad-deposizzjoni tax-xhud il-Professur Anthony Bernard moghtija fis-Seduta tas-17 ta' Frar, 2006 li qal:
"Rigwardanti l-pazjent Marco Micallef nghid illi jien dan kont rajtu u dan kien fil-ward tieghi. Huwa kien dahal fit-18 ta' Novembru tas-sena 2004 u huwa kellu frattura ta' l-ghaksa l-leminija u kien hemm ukoll u kien ukoll naqra spostament ta' l-ghaksa. Ghall-ewwel kien sarlu gibs imbaghad kien gie operat biex tigi ippinjata l-frattura. Il-frattura ghaqdet f'perjodu normali ta' bejn sitt gimghat u tmin gimghat (6-8). Imbaghad inzid nghid ukoll illi kienet saritlu t-tieni operazzjoni u dan biex jitnehhielu screw li kien gie inserit qabel. Nghid illi imbaghad dan kien ghad fadallu l-pinnijiet u dan jitnehhew normalment xi sena, sena u nofs wara li jkunu tpoggew. Nghid illi dan l-iscrew li semmejt li tnehha u allura permezz tat-tieni operazzjoni sehh fit-30 ta' Dicembru tas-sena 2005.

In kontro-ezami l-istess xhud fl-istess Seduta qal:
"Nghid illi l-griehi sofferi mill-pazjent Marco Micallef u dan fuq domanda li qed issirli mid-Difiza nikkonferma illi mhuwiex necessarjament illi dawn il-griehi jirrikjedu impatt qawwi biex jissussistu. Jekk persuna wkoll taqa' hazin u anki tirwi l-ghaksa dan it-tip ta' frattura tista' tissuccidi."

In ri-ezami l-istess xhud fl-istess Seduta qal:
"Qed nigi mistoqsi allura n-natura tal-griehi jien nikklasifikahom bhala gravi jew le, nghid illi huma ta' natura gravi." (Sottolinjar tal-Qorti).

Taghmel ukoll referenza ghad-deposizzjoni tal-imputata Beatriz Zarb moghtija fis-Seduta tal-4 ta' Settembru, 2006 fejn din qalet:
"……………" "Fit-triq li kont ghaddejja kien hemm karozzi pparkjati fuq iz-zewg nahat tat-triq u nghid illi l-hin kien xit-tmienja u kwart ta' filghodu (8.15 am) u dak il-hin it-traffiku

kien qawwi. Prattikament jien kont qed insuq stop and go. Fil-vettura tieghi jien kont wahdi. Jien kont qeghda nsuq fit-traffiku, il-hin kollu prattikament mill-first ghas-second ghaliex kif ghidt kelli nsuq b'mod illi nieqaf u nerga' nsuq minhabba t-traffiku li kien hemm. Jien kont wieqfa fit-traffiku meta gejt biex insuq wara l-karozzi li kien hemm quddiemi jien smajt lil xi hadd jghajjat u waqaft mill-ewwel. Jien ma hassejt l-ebda hoss mal-karozza jew jien hassejt xi moviment mal-karozza tieghi. Nghid illi meta jien qabel dan l-incident kont qeghda fil-karoza tieghi nistenna biex insuq fit-traffiku kont innutajt illi quddiemi fuq in-naha tax-xelluq bejn il-karozzi pparkjati kien hemm xi nies li kienu weqfin qeghdin jitkellmu. Jien rajt mara li stajt naraha, naf li kienet qed tkellem persuna ohra li ma stajtx naraha fejn jien imbaghad gejt biex insuq smajt lil xi hadd jghajjat. Meta jien gejt biex naqla l-karozza dawn il-persuni bejn il-karozza fuq in-naha tax-xellug tieghi u bejn il-karozzi li kienu pparkjati nghid illi dawn kienu ghadhom hemm. Jiena meta minn mindu qlajt biex insuq sal-hin li smajt l-ghajjat kull ma ghaddew kwistjoni ta' ftit sekondi. Nghid illi fil-mument li jien bdejt nerga' insuq sal-mument li smajt l-ghajjat ma lhaqtx ghaddejt tul ta' zewg karozzi. Jien kif smajt l-ghajjat waqaft mill-ewwel." "………………." "Jien wara l-incident ezaminajt il-vettura tieghi u ma kelli l-ebda hsarat fuqha."

In kontro-ezami l-imputata fl-istess Seduta qalet:
"………………….." "Jien ma rajt l-ebda persuna qabel ma soqt u qabel ma sehh l-incident li ghamlet indikazzjoni li kienet sejra taqsam u anzi nzid nghid illi l-mara li rajt titkellem kellha daharha lejja." "…………." (Sottolinjar tal-Qorti).

Il-Qorti hi tal-fehma li minn ezami tal-provi prodotti ma tirrizultax htija da parti tal-imputata Beatriz Zarb ghall-incident stradali mertu ta' din il-kawza u ghaldaqstant ma tissussistix l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Beatriz Zarb. Il-Qorti jidhrilha li ghal dan l-incident stradali jahti unikament il-vittma Marco Micallef illi pogga ruhu f'sitwazzjoni perikoluza u skabruza billi qabad u beda jaqsam triq traffikuza minn bejn zewg vetturi li kienu pparkjati. Dan meta fit-triq fejn sehh l-incident de quo il-

vittma kellha l-opportunita' li juza *zebra crossing*. F'dan ir-rigward il-Qorti sejra tirreferi ghas-Sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet "George Micallef pro et noe vs Gordon Camenzuli" (Deciza fil-21 ta' Gunju, 1995) fejn dik il-Qorti sahqet illi meta *pedestrian* ikun qed jaqsam it-triq fejn ikun hemm, ghandu dejjem juza *s-subway* jew *zebra crossing* u ghandu jaqsam biss meta jkollu vizwali cara taz-zewg nahat tat-triq. Qalet ukoll illi qabel jaqsam il-*pedestrian* ghandu jieqaf fuq il-bankina, jhares lejn il-lemin u mbaghad lejn ix-xellug, u jerga' lejn il-lemin u jaqsam biss meta t-triq ma jkunx hemm karozzi (vide wkoll <u>Mary Bonello et vs Sylvia Fsadni Appell</u> deciz fil-11 ta' Marzu, 1998).

Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost il-Qorti ma ssibx lill-imputata Beatriz Zarb hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha u dan ghax tali akkuza ma tirrizultax u minnha tilliberaha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------